**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 20 – L-Erbgħa 9 ta' Lulju fil-18.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-18.00hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader – wasal tard |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa SEDUTA NRU 18 – L-Erbgħa 4 ta’ Ġunju 2014 u SEDUTA NRU 19 – L-Ħamis 26 ta’ Ġunju fuq proposta tal-Viċi Sindku Stephanie Cutajar u sekondata mill-Kunsillier Lorraine Farrugia. Dr Marc Sant ma kienx preżenti b’dan il-waqt għaliex wasal tard għall-laqgħa.

Il-Laqgħa ġiet sospiża peress li gie resident Guzeppi Azzopardi (21444525) li xtaq jagħmel suġġeriment biex isir tapit tat-turf taħt l-istatwa tal-Madonna li tinsab fi Triq Annibale Preca kantuniera ma’ Triq Tal-Mirakli.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Viċi Sindku Ms. Stephanie Cutajar nfurmat dwar il-problemi li hemm fit-Triq tagħa bid-double parking li qed isir. Għalla volja persuni qed jingħataw ċitazzjonijiet mill-pulizija. Is-Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li għandha tintbgħat ittra lir-residenti ta’ l-akwata biex twissi dwar din il-problema.

**2.2** Is-Sindku Ms. Magda Magri Naudi nfurmat li tixtieq tagħmel proġett pilota bħal ma sar fin-Naxxar li l-Core tal-Villaġġ ta’ Ħal Lija jsir pedonali. Iċ-Ċentru ta’ Ħal-Lija hekk jista jkun anke ta’ għajnuna għal min għandu bżonnijiet speċjali.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

**3.1** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat li tixtieq li Preca street issir One Way jekk dan huwa possibli u għaliex hija x-xewqa ta’ ħafna residenti.

**3.2** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat li għalkemm il-kunsill għamel objection biex Windmill Cottage ma tiġix nwaqqa xtaqet li l-Perit jagħti update lil Kunsill dwar x'inhu jiġri.

**3.3** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat li tixtieq li għall-festa tas-Salvatur Joe jagħmel troughs bil-fjuri mal faċċata tal-kunsill. Hija ta' importanza kbira li s-sigar kollha ikunu bil-konka nadifa mill-ħaxix. Għandu jinxtel id-dawl bit-timer mill-ħaddiema. Il-ġranet għandhom jkunu dawn – 27 ta' Lulju, u bejn 3, 4, 5, 6 ta' Awwissu 2014.

**3.4** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat lis-Segretarja biex fl-assenza tal-Jeanette buhagiar li kienet tamministra l –facebook page tal-kunsill tiehu hsieb li tirrispondi lin-nies li qed jitfaw il-posts.

**3.5** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat li għandha ssir laqgħa qabel il-festa tas-Salvatur biex jiġi spjegat kif ma sarux aktar donazzjonijiet ta' €500.00 lil għaqdiet. Nfurmat li għandha tkun preżenti l-accountant biex tinforma lill-għaqdiet u tagħmel referenza għal ligi. Għal din il-laqgħa għandhom ikun preżenti jew il-President jew is-Segretarju.

**3.6** Is-Sindku Ms Magda Magri Naudi nfurmat li għandha tinkiteb ittra lir-residenti ta' Triq it-Trasfigurazzjoni biex tinstab soluzzjoni għal problema tat-traffiku. Il-Kunsillieri kollha għandhom jiffirmaw l-ittra.

**3.7** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia staqsiet dwar is-sigra li tinsab fi Sqaq Preziosi. Ms Farrugia nfurmat li dan l-ilment għandu jerġa jitressaq għand il-Pulizija. Nfurmat li għalkemm il-pulizija jridu rappreżżentant mill-kunsill, hi ma taqbilx.

**3.8** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia staqsiet dwar Triq id-dejqa. Ġiet nfurmata li il-Kunsill għadu qed jistenna l-LA min water services.

**3.9** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li no stopping sign li hemm ħdejn ir-roundabout ta' Naxxar Road għandha bżonn *refreshing*.

**3.10** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li għandha ssir mera fi Triq Merino bejn id-dar 35 u 36. Din għandha ssir fuq pole.

**3.11** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li qed jaqa ġebel min dar numru 62, Triq id-dejqa. Għandu jsir rapport lil pulizija dwar dan.

**3.12** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li l-karozza tal-linja mhux qed taddi min Triq il-Kardinal Ferretti fil-għaxija. Għandu jsir rapport.

**3.13** Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li fi Triq is-Salvatur twaħlet bozza li mhux qedgħa mqabda mad-dawl. (viċin San Piju)

**3.14** Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar infurmat li tajjeb li l-kunsill jitkellem tal-barman tal-Kazin tal-PL biex ma jergax joħrog il-forn li kellu s-sena l-oħra. Barra li dan ma kellux permess tal-kunsill, kien ta' periklu għal min ikun għaddej. Il-Kunsilliera Lorraine Farrugia nfurmat li ser tkellmu.

**3.15** Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma li xtaq li f'Settembru 2015 jixtieq jagħmel attivita' ta' artigjanat bin nar. Il-Kunsill qabel mal-kunċett. Dr Marc Sant ser jibda jaħdem fuq din l-attivita' u l-kunsill qabel dwar dan.

**3.16** Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar il-quotations tal- water culverts. Il-quotations qed jiġu evalwati.

**3.17** Il-Minority Leader Dr Marc Sant qal li jhoss lil-parkegg fi Triq Sir Ugo Mifsud huwa perikoluz f'xi bnadi u ghalhekk talab li l-Perit tal-kunsill jahdem fuq kif tista' titjieb is-sistema ta' traffiku hawnhekk.

**3.18** Il-Minority Leader Dr Marc Sant ghal darb' ohra rega semma li l-hajt ta' Triq il-Kuncizzjoni huwa perikoluz u ghalhekk ghandna ninfurmaw lill-pulizija.

**3.19** Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq dawn il-punti imsemmija hawn taht

a. E-mail minghand Mark Sciberras tal-Kazin tal-Banda San Pio X dwar ghajnuna finanzjarja li intbaghat fit 13 ta' Marzu 2014 u li mhux imwiegba

b. E-mail ta' 20 ta' Gunju 2014 fuq il-flus li kellhom jingabru minghand in-nies li ramaw stands matul il-Festival tac-Citru li kien sar gewwa Villa Francia fi Frar 2014.

   L-Agent Segretarja Ezekuttiva qalet li l-flus kollha kien ngabru

c. E-mail li kien baghat fis-27 ta' gunju 2014 lill-kunsill u lill-kunsilliera kollha dwar xi xogholijiet li kellhom isiru.

   L-Agent Segretarja Ezekuttiva qalet li ser tibghat it-twegibiet fil-jiem li gejjin

d. Sit ta' kostruzzjoni hdejn il-PL Club – Il-Kunsill irid jaghmel ittra biex tinstab soluzzjoni

e. Issugerixxa li l-Kunsill johrog stqarrija fejn jitlob li tinsab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun dwar is-sit ta' kostruzzjoni li jinsab abbandunat hdejn il PL Club

f. Meta ser jibda ix-xoghol tat-tindif tal-Water Culverts?

g. Traffic management fi Triq Sir Ugo Mifsud hdejn il-Housing Estate

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Request mingħand is-Sur Guzeppi Azzopardi biex isir xi tip ta' madum jew turf quddiem l-istatwa tal-Madonna li tinsab fi Triq tal-Mirakli. Il-Kunsill qabel li għandu jsir turf.

**4.2** Request għal KEEP CLEAR għal- ELC ħdejn il-Ġnien tal-Mirakli. Il-Kunsill qabel li din issir.

**4.3** Is-Sindku Magda Magri Naudi xtaqet tagħmel request għan nom tar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Kuncizzjoni fil-pjazetta biex isir sign li l-biċċa ta' ħdejn Ms. Ganado fi dejqa ssir sign 2 way u jsir sign fil-pjazetta tal-give way for on coming Traffic.

**4.4** Request għal gutter ta' l-ilma fuq il-bankina quddiem no.97 Carmelo Farrugia għaliex joqgħod l-ilma ezatt quddiem il-bieb tar-residenti. Ir-Resident lest li jagħmilha hu bl-approvazzjoni tal-Kunsill. (Photo attached) il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.5** Doris Bezzina tixtieq tagħmel request għal Stop Sign kemm mizbugħa ma' l-art kif ukoll għal sign fi Triq il-Mahlut, Hal Lija (Photo Attached) il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.6** AnneMarie Grech biex ticcekja rigward is-Signs li kellhom isiru fi Triq Antonio Azzopardi f' ta' Senna rigward 'Falling Rocks Signs'. Kif ukoll rigward l-ittri li kellhom jintbaghtu lir-residenti ta' Preziosi Alley 2 rigward il-konok. Request ghal parking base ukoll fi sqaq nru.2 Triq Preziosi fejn Villa Francia. Il-kunsill qabel li dawn m'għandhom isiru fuq parir ta' l-avukat għaliex

**4.7** Request minghand TM u Enemalta rigward l-earth electrodes minhabba l-Kiosks ghal festa 2014 (Letter from TM Attached) Very important

**4.8** Magda tixtieq taghmel request biex jitnehhew 2 parking spaces fi Triq San Licinju kif idur minn Triq il-Mitħna jew wieħed għaliex meta t-traffiku li ġej minn naħa ta' Attard jdur għal Triq San Lucinju jidħol f' dawn il-parking spaces il-ġodda.

**4.9** Magda xtaqet ukoll taghmel request biex titbaxxa road hump li hemm quddiem il-Biotechnology Centre.

**4.10** Xtaqet taghmel request biex izid 2 gabani wahda tal-German Bavarian Saugae u kif ukoll ta' Ms. Beranice Sajouk. Dawn ghandhom isiru l-isfel fejn jispiccaw il-gabbani.

**4.11** Mr. Pace jixtieq jghaddi lment lill-Kunsill Lokali rigward li meta sar ir-refresh fi Triq Sir Ugo Mifsud quddiem il-kazin San Pio X barra refresh saret kaxxa bajda ta' parking space quddiem il-bieb tieghu li qabel ma kienx hemm ghar-raguni li ma jkunx jista jidhol id-dar jekk xi hadd jipparkja hemm.

**4.12** Ms.Campbell tixtieq terga taghmel request biex il-kaxxa li hemm parking space ta' quddiem id-dar taghha tigi 2 minflokk wahda kbira. Il-Kunsill fl-ahhar kien idecida li dan ma jsirx izda hi xtaqet xorta wahda terga taghmel ir-request.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Is-Segretara preżentat dokumenti tal-Perit dwar:

**5.1.1** Traffic management - Proposed parking bays at Triq Egidio Lapira, triq Kardinal Ferretti, Triq Salvu Mifsud, triq is-Salvatur, Triq Santa Mansweta

**5.1.2** Traffic Management around Triq is-Salvatur, Parking Schemes around Triq Il-Forn, Proposed Parking bays at Triq Sir Ugo Mifsud Street

Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa speċifikament fuq traffic management u l-Perit jiġi biex jispjega lill-kunsillieri.

**5.2** Ittra mingħand il-Kuntrattur ta' l-iskart li jixtieq iwaqqaf il-kuntratt. Il-Kunsill qabel dwar dan minħabba numru ta' ilmenti li kien qegħdin jidħlu minħabba s-servizz ħazin li kien qed jagħti. Is-Segretarja preżentat korrispondenza bejna u d-Dipartiment. Il-Kunsill ingħata l-goahead biex tinħareġ it-tender u quotations b'urġenza u dawn idumu 8 working days miftuħin. Il-Kunsill qabel dwar dan. Is-Segretarja preżentat id-dokument lill-kunsill u nfurmat li ser tibgħatu għaċ-checking tal-Green Public Procurment qabel jintbgħat l-avviz. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.3** Kumitat Festi Esterni kien għamel request għal 10 manhole covers li jiswew 16.00 euros, total ta' 160.00 euros. Dawn ser jagħmluhom 4 Vjal it-Trasfigurazzjoni, 3 Triq Sir Ugo Mifsud faccata tal-

Kazin San Pio X, 2 fi Triq Sir Ugo Mifsud faccata ta’ Bonaci Confectionery, 1 fi Triq Merino. Il-Kunsill qabel li jħallas għal dawn il-manhole covers.

**5.4** Quotation ta’ Toni l-ħadid rigward galvanized Stand ħdejn il-Kappella ta’ Sant’Andrija għal lapida ta’ l-għajn kif ukoll grid fejn il-Band Club fuq il-bankina miksura. € 236.00. il-kunsill qabel li grid issir. Pero fuq il-lapida jixtieqU li ssir xi modifikazzjoni.

**Riżenja ta’ Sindku Dr Ian Castaldi Paris**

Wara li Sindku riżenja mill-Kunsill ta’ Ħal Lija. Il-Kunsill kollu rrikonoxxa x-xogħol siewi li għamel w rringrazzja lil Dr Ian Castaldi Paris għat-terminu tiegħu bħala Sindku.

Is-Segretarja nfurmat li ser tieħu ħsieb li jinxtara rigal lil ex-Sindku Dr Ian Castaldi Paris, bħal ma kien sar qbil li jinxtara rigal lil Jeanette Buhagiar li ngħatat promotion u ħadet il-kariga ta’ Segretarju Eżekuttiv fir-Regjun Ċentru.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA’ PAGAMENTI

**6.1** Is-Segretarja ressqet lista ta’ pagmenti għax-xahar mal-minuti ta’ Ġunju / Mejju 2014. Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar proponiet u Is-Sindku Magda Magri Naudi is-sekondat.

**TMIEM**

Fil- 20.30hrs intemmet is-Seduta u b'mod unanimu aġġornat għal nhar it-Tnejn 11 ta’ Awwissu 2014 fl-17.00hrs.

Nhar il-Ġimgħa 25 ta’ Lulju 2014 jinfetħu t-tenders u l-quotations fis-18.00hrs.

| ________________________ | ________________________ |
| --- | --- |
| Ms Magda Magri Naudi | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |